MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 196/2005

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentatata fil-21 ta' Ġunju 2005 li permezz tagħha l-attriċi premettiet:

Illi l-kontendenti żżewġu fit-23 ta' Lulju 1989, kopja ta' liema ċertifikat qed jiġi esebit u mmarkat bħala Dok A. Minn dan iż-żwieġ twieled tifel, D li għandu ħdax-il sena.

Illi l-konvenut irrendu ruħu ħati fil-konfront tal-attriċi ta' adulterju, sevizzi, moħqrija, theddid eċċessi u nġurji gravi,

tant li llum il-ħajja konjugali ġiet reża mpossibbli u tkissret irrimedjabbilment.

Illi b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) awtoriżżat lill-kontendenti sabiex jipproċedu għas-separazzjoni, wara li l-medjazzjoni ma seħħitx. Dok B.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minħabba adulterju, sevizzi, moħqrija, theddid, eċċessi u nġurji gravi, kif ukoll talli ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u dan minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2) Tordna li l-kura u kustodja tat-tifel minuri D tiġi fdata esklussivament lill-attriċi;

3) Tiffissa retta alimentari bħala manteniment għall-attriċi u għat-tifel minuri D, kif ukoll tordna ammont bħala spejjeż edukattivi u ta' saħħa tal-istess minuri; u jekk ikun il-każ l-istess manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut.

4) Tordna xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi B u tordna li l-istess oġġetti formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-istess komunjoni u billi jiġi nnominat Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

5) M'għandhomx jiġu applikati kontra l-imsemmija konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili *in toto* jew in parti.

6) Tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali, u ċjoe' – *omissis -.*

Bl-ispejjeż u l-konvenut nġunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut ppreżentata fil-11 ta' Novembru 2005, li permezz tagħha ġie eċċepit bir-rispett:

1. Illi l-eċċepjenti jaqbel li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u martu pero' dan minħabba ħtijiet imputabbli unikament lill-istess attriċi.

2. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri D B, li għandu ħdax-il sena, għandha tiġi fdata f'idejn il-kontendenti flimkien.

3. Illi anke t-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda billi l-attriċi taħdem *full-time* u għalhekk, minbarra li tipprovdi hi għall-bżonnijiet tagħha nnifisha, għandha tikkontribwixxi hija wkoll, flimkien mal-eċċepjent, għall-għixien ta' binhom minuri. F'kull każ, l-eċċepjent dejjem ipprovda għall-minuri u ħallas il-manteniment fil-pront u għalhekk lanqas it-talba attriċi sabiex dan jinqata' direttament mill-paga tiegħu m'għandha tintlaqa'.

4. Illi l-eċċepjent jaqbel li għandha tiġi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u li din tiġi likwidata u maqsuma f'żewġ ishma ndaqs, pero' ma hemmx bżonn jiġi maħtur Nutar biex jirċievi l-att relattiv billi l-assi tal-komunjoni jikkonsistu f'mobbli biss;

5. Illi l-eċċepjent ma jaqbilx li għandhom jiġu komminati kontrih id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16 billi hija l-attriċi stess li taħti għall-firda in kwisjtoni u mhux l-eċċepjent;

6. Illi anke s-sitt talba għandha tiġi miċħuda billi d-dar – *omissis* - hija proprjeta' parafernali tal-esponent.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli unikament lill-istess attriċi;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D B, liż-żewġ partijiet flimkien u tiffissa hi l-modalitajiet tal-eżerċizzju tagħha;

3. Tiddikjara li d-dar – *omissis* - hija proprjeta' parafernali tal-konvenut u għalhekk tordna lill-attriċi sabiex, fi żmien li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti, tiżgombra mill-istess dar u tirrilaxxja l-pussess liberu tagħha favur il-konvenut;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lill-konvenut u l-oħra lill-attriċi, bin-nomina okkorrendo ta' Perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;

5. Tikkundanna lill-attriċi sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tikkonsenja lill-konvenut l-oġġetti kollha parafernali, inklużi flus u krediti oħra, u fin-nuqqas, tikkundannaha tħallas lill-konvenut il-valur tagħhom, okkorrendo permezz ta' Perit nominadi;

6. Tapplika kontra l-attriċi d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli tmienja u erbgħin (48), wieħed u ħamsin (51), tnejn u ħamsin (52) u tlieta u ħamsin (53) tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li tibqa' inġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjoni ta' A B għall-kontro-talba tal-konvenut ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2005, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

1. Illi m'hemmx kontestazzjoni fuq l-ewwel talba ħlief li s-separazzjoni hija tort unikament tal-konvenut.

2. Illi l-eċċipjenti topponi għat-tieni talba.

3. Illi topponi għat-tielet talba, *stante* li d-dar hija tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi m'hemmx kontestazzjoni fuq ir-raba' talba.

5. Illi m'hemmx kontestazzjoni fuq il-ħames talba, ħlief li dawn l-oġġetti għandhom jiġu identifikati.

6. Illi hemm kontestazzjoni fuq is-sitt talba.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista ta tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet.

Rat id-digriet tal-24 ta' Frar 2006 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Irene Bonello bħala Perit Legali, liema Perit ġiet sussegwentement sostitwita b'digriet tas-7 ta' Marzu 2008 b'Dr Charmaine Galea, li wkoll reġgħet ġiet sostitwita b'digriet ieħor datat 23 t'April 2008 b'Dr Philip Galea Farrugia.

Rat ir-relazzjoni maħlufa finalment mill-imsemmi Dottor Galea Farrugia a fol 531 tal-process;

Rat ukoll il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Periti Legali msemmija;

Rat id-digrieti l-oħra tagħha fir-rigward tal-manteniment;

Rat ir-rikors tal-konvenut, mhux oppost, li permezz tiegħu huwa talab li l-ewwel talba tiegħu titqies bħala talba għall-divorzju *ai termini* tal-Artiklu 66F (1) tal-Kodiċi Civili;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet awtorizzati mid-digriet tas-27 ta' Mejju 2011 u verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu l-kawa tħalliet għas-sentenza wara li saret trattazzjoni ulterjuri mil-Avukati rispettivi;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu ppreżenta kontro-talba u għalhekk huwa ċar illi l-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Madankollu favur il-partijiet wieħed għandu jgħid li din il-kawża kienet nieqsa mill-ammonti kbar ta' rikors li solitament isiru f'kawżi simili u ma kienx hemm lanqas kwistjonijiet fir-rigward tal-minuri li issa *ormai* wasal biex isir maġġorenni. Jidher li fuq ħafna kwistjonijiet ġie stabbilit *'modus vivendi'* ċivili bejniethom. Il-Qorti setgħet tinnota speċjalment fit-trattazzjoni orali li l-aktar kwistjoni li kienet dibattuta kienet fir-rigward il-proprjeta' tad-dar konjugali. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawnhekk kif ġia' ngħad t-tifel tal-partijiet miż-żwieġ issa huwa kważi maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet diffiċli x'tieħu fir-rigward, ħlief għar-rigward ta' manteniment tiegħu billi għadu jistudja.

**TORT**

Illi kif ġia' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u mar jgħix ma' ċerta Stephanie Vella filwaqt li l-konvenut filwaqt li qatt ma ċaħad li qed jgħix ma' din il-persuna, iwaħħal fl-attrici fit-tifrik taż-żwieġ għax jgħid li din kienet bla kontroll fejn jidħlu flus u kienet tittrattah ħażin.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li għandha taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali li għalkemm l-attriċi, bħal kulħadd, għandha d-difetti tagħha,

kien il-konvenut il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti għaliex kien hu li kkommetta l-adulterju u dan baqa' jikkommettih b'mod flagranti. F'ebda ħin matul il-ġbir tal-provi huwa ma ċaħad dan u tenut kont ta' kollox il-Qorti m'għandha ebda dubju li kien it-tradiment konjugali tiegħu li kien id-daqqa l-kbira biex tfarrak iż-żwieġ. Kif ġie ritenut fil-kawża riporata fil-**Vol. XXXVII-ii-693**, *"l-adulterju dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali."* Wara kollox l-attriċi baqgħet sa issa tgħix fid-dar matrimonjali tieħu ħsieb lil binha mingħajr l-iċken addebitu fir-rigward.

**KURA U KUSTODJA**

Illi peress li iben il-kontendenti wasal biex isir maġġorenni l-Qorti se tkompli taffida l-kura u kustodja tiegħu f'idejn l-attrici, b'aċċess liberu għall-konvenut.

**MANTENIMENT**

Illi għandu jingħad illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu; l-attriċi hija impjegata bħala *social assistant* u skond id-depożizzjoni ta' John Bottiglieri, uffiċjal inkarigat, quddiem il-Qorti, tipperċepixxi tmien mija u tlieta u disgħin Ewro (€893) fix-xahar; il-konvenut huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u s-salarju tiegħu huwa naturalment ħafna ogħla minn hekk – hemm provi fis-sens li għandu salarju jeċċedi Lm500 mensili ġia' fis-sena 2001. Matul il-kors tal-kawża l-Qorti tat żewġ digrieti dwar il-manteniment u l-aħħar wieħed kien fis-sens li l-konvenut iħallas manteniment ta' Lm90 għall-minuri u Lm35 għall-attrici. Fir-rigward tal-manteniment dovut għall-minuri, peress li dan għadu jistudja l-Qorti jidhrilha li għandha tiġi applikata l-emenda reċentement introdotta fl-artikolu 3(B) 2 tal-Kodiċi Ċivili u tordna manteniment għalih fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar u dan sakemm jagħlaq it-23 sena jew jiġi impjegat skond liema tiġi l-ewwel. Fir-rigward tal-attriċi, għalkemm il-Qorti dejjem għamlitha ċara li l-manteniment ma hux forma ta' komunjoni tal-akkwisti fis-sens li għandha tordna manteniment biex il-partijiet ikunu qed jipperċepixxu l-istess ammont ta' flus, minħabba d-disparita' konsiderevoli bejn is-salarji u anke għaliex hija

m'għamlet xejn fil-fehma tal-Qorti biex timmerita d-dekadenza, se tordna ħlas nominali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar.

**PROPRJETA'**

**Beni mmobbli**

L-attriċi għadha tgħix fid-dar matrimonjali u kif ġia' ngħad il-konvenut telaq minn hemm fl-2004. Dwar din id-dar huwa naturali li hemm nuqqas ta' qbil għaliex għalkemm il-kuntratt tal-akkwist sar mill-konvenut l-attriċi ssostni li dan sar biex jiġi evitat il-ħlas ta' aktar taxxa u għalhekk għandha tiġi konsidrata bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Għalkemm wieħed ma jifhimx kif din setgħat kienet ir-raġuni għal dan il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless taċ-ċirkostanzi li ġew pruvati għandha taddotta dak dispost fis-sentenza **"Marthese Vella et noe vs George Vella"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003 u tqis din il-proprjeta' bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatturi l-aktar importanti huma li l-kuntratt tal-akkwist sar fis-27 ta' Mejju 1988 u allura ftit aktar minn sena qabel iż-żwieġ; il-fond inxtara għas-somma ta' Lm9,100 li minnhom Lm5,000 kienu self mill-Bank u għalhekk ir-ripagamenti saru kollha minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti; għalkemm għandu jingħad li wara li l-partijiet infirdu *'de facto'* l-konvenut ħareġ aktar flus. Huma ssellfu wkoll Lm5,000 mingħand ċertu E B (ziju tal-konvenut), liema flus ilkoll tħallsu matul iż-żwieġ – għalkemm inħafru elf lira (Lm1,000) minnhom. L-attriċi qalet ukoll li kellha ċirka erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) imfaddla meta żżewġet u dawn nefqithom kollha fuq id-dar (biex jirranġawha). Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond in kwistjoni flimkien u kif qalet l-attriċi kien fuq suġġeriment ta' ċertu Louis Cuschieri – illi dak iż-żmien kien jaqsam ufficju man-Nutar li ppublika l-kuntratt (għalkemm wieħed jifhem li l-istess Cuschieri ma ftakar xejn dwar dan – fol. 574) – li deher biss il-konvenut fuq l-att. Kif intqal fis-sentenza **"Vella vs Vella"** fuq imsemmija: *"l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' ħaddieħor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-oħra ma jkunx sar bil-miktub*."

(**Vol. XXXIV-ii-430, Vol. XXXVII-i-350, XXVIII-i-620 u XXVIII-i-60**).

Illi madankollu b'sens ta' ġustizzja jkun ekwu li billi l-konvenut kien responsabbli biżżejjed biex għamel aktar ħlasijiet minn mindu l-partijiet infirdu *'de facto'* fl-2004, il-Qorti se tillikwida *'arbitrio boni viri'* dan l-ammont aktar li ħallas hu fis-somma ta' elfejn Ewro (€2,000), liema ammont il-konvenut għandu jippreleva meta jsir il-bejgħ tal-proprjeta' li se tordna l-Qorti aktar 'il quddiem. Il-Qorti jidhrilha li biex tassikura ċerta trankwillita' għal minuri għandha tagħti żmien ta' tlett snin biex l-attriċi tibqa' tabita fil-fond qabel isir il-bejgħ.

**Beni mobbli**

Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li naturalment jinqasmu ugwalment bejniethom. Kif sewwa rrimarka l-perit legali, billi l-ammonti ntestati f'isimhom huma prattikament ugwali l-Qorti se tordna li kull parti żżomm il-kontijiet intestati fuq ismu jew isimha. Dan ma japplkax għall-**bonds** u poloz ta' assikurazzjoni li se jinqasmu ugwalment. Hemm imbagħad il-mobbli fid-dar li għal xi raġuni ebda waħda mill-partijiet ma għamlu riferenza għalihom, kif ukoll ma hemmx riferenza għall-oġġetti parafernali.

Illi mill-provi jirriżulta li hemm żewġ vetturi formanti parti mill-komunjoni u jidher li l-partijiet jagħmlu użu minn karozza kull wieħed. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tassenjahom bil-mod segwenti biex ma jinħoloqx disgwid – il-vettura – *omissis* - lill-konvenut, u l- – *omissis* - lill-attriċi. Anke f'dan il-każ, iż-żewġ vetturi baqgħu ma ġewx stmati.

**DEJN**

Illi l-partijiet isselfu mill-bank biex xtraw id-dar u dan is-self huwa dejn tal-komunjoni. Għalhekk il-Bank (illum H.S.B.C.) għandu jitħallas qabel ma l-partijiet jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ tad-dar. Il-ħlasjiet minn issa sa dakinhar għandhom ikunu f'ishma ndaqs bejn il-kontendenti. Djun

oħra lill-membri tal-familja ma ġewx suffiċjentement provati u jekk fil-futur jirriżultaw għandhom ikunu a kariku tal-partijiet f'sehem ugwali.

**DIVORZJU**

Kif ġia' ingħad il-konvenut talab li t-talba tiegħu għal separazzjoni tinbidel għal waħda ta' divorzju skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili. Billi r-rekwisiti kollha ndubbjament jeżistu biex it-talba tintlaqa' u ma saret ebda oppożizzjoni mill-attriċi – anzi din qablet mat-talba – il-Qorti ser **tilqa' l-istess talba.**

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi;**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort unikament tal-konvenut, u tawtorizża lill-partijiet jgħixu separatament;**

**2. Tilqa' t-tieni talba b'dan li l-konvenut ikollu aċċess liberu;**

**3. Tordna li l-konvenut b'effett mill-1 ta' Mejju 2012 iħallas manteniment ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar għall-attriċi stess u mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar għall-minuri D sakemm dan jagħlaq it-tlieta u għoxrin (23) sena jew jimpjega ruħu, skond liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel;**

**4. Fir-rigward tar-raba' talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond numru** – *omissis* -, **u dan wara t-trapass ta' tlett snin mil-llum, fejn ir-rikavat għandu jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali wara li jitħallas id-dejn mal-Bank H.S.B.C. u l-konvenut jippreleva s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000); Il-Qorti qed tassenja lill-konvenut il-vettura** – *omissis* - **u lill-attrici l-vettura** – *omissis* -; **il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil min**

**huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, kif ukoll bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta kemm f'isem il-partijiet waħedhom, kif ukoll b'mod konġunt għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet;**

**5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba;**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba iżda għal raġunijiet imputabbli lilu stess u dan billi kif ingħad, tordna l-ħall taż-żwieġ skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili, u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti biex skond l-artikolu 66A (4) tal-Kap. 16 fi żmien għoxrin ġurnata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirreġistra dan;**

**2. Tiċħad it-tieni talba;**

**3. Tiċħad it-tielet talba;**

**4. Fir-rigward tar-raba' talba, tirreferi għad-deċiżjoni dwar ir-raba' talba attriċi;**

**5. Tiċħad il-ħames talba;**

**L-ispejjeż tal-kawża u l-kontro-talba jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------